MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 7/2008

**Korporazzjoni Enemalta**
**Vs**

**Farcat Ltd (C-12040)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta` Jannar, 2008, fejn intalab sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta’ Euro880.50c rapprezentanti valur ta` danni minnha kkawzati f’taghmir tal-Korporazzjoni nhar il-11 ta` Mejju, 2005 fi Triq Qormi, Luqa.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 26 ta` Settembru, 2006 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` l-istess ittra u bil-kumpanija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 30 ta` Jannar, 2008 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi jallega li hija ma ghandha tahti xejn ghall-istess hsarat.

Ezamina l-provi migjuba mill-partijiet u nkluz d-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-Korporazzjoni attrici qieghdha tfittex ghal hsara kawzata f'cable taghha, liema hsara grat fuq sit fejn kienet qed tahdem is-socjeta` konvenuta u kwindi waslu ghal konkluzjoni li dan l-istess cable kien intlaqat minn impjegati ta` l-istess socjeta` konvenuta.

Ivan Buttigieg prodott mill-Korporazzjoni jafferma li kienet ittiehdet decizjoni li jkun aktar opportun li jghaddu cable gdid milli jsewwu l-qadim li ntlaqat. Fil-fatt jispjega li f'dawk l-inhawi kienu ghaddew cable gdid u dak li ntlaqat kien il-cable l-antik. Ighid li t-tnejn kienu qed jahdmu u li l-intenzjoni tal-Korporazzjoni kienet li eventwalment jiskonnettjaw il-cable l-antik. Ikompli jispjega li f'din il-kawza huma kienu biss qed jitolbu ghal labour cost biex iqabbdu l-gdid minn qabel. L-ispejjez biex tqabbad il-gdid u biex tirranga l-qadim kienu ser jiswew l-istess u ghalhekk qabdu biss il-gdid u fuq l-antik li ntlaqat ma sar ebda xoghol fuqu. Illi dwar x'kien ser isir mill-cable l-antik u l-connection tal-cable l-gdid gie anke spjegat f'aktar dettal mix-xhud George Portelli, inginier tal-Korporazzjoni attrici. Dan l-ahhar xhud ikompli jispjega li kellhom ifittxu lis-socjeta` konvenuta ghal labour charges peress illi l-cable l-gdid kellu jitwahhal malajr u kwindi dahlu fi spiza addizzjonali ta` overtime filwaqt li jekk il-gdid twahhal f'hinu, dan kien jitqieghed fis-sieghat normali ta` xoghol u cioe` ma kienux jehlu extra ta` overtime. In kontro-ezami huwa jispjega li l-extra charges inhadmu fuq overtime ta` 10 sieghat fejn kienu qed jahdmu fuq il-post inginier, foreman u tliet tradesmen u liema charges bdew jigu kkalkolati minn wara l-4.15 ta` wara nofs in-nhar. Dan fil-

fatt jinsab spjegat ahjar fil-kalkoli maghmula minn Antoine Muscat li jahdem fl-accounts department kif jidher fid-dokument minnu ezebit a fol. 34 tal-process u mmarkat Dok. AM1.

Is-Surgent PS 679 ikkonferma li kien dahallu r-rapport maghmul minn Buttigieg ta` l-Enemalta dwar hsara fil-cable. Jispjega li meta kellem lil Farrugia tas-socjeta` konvenuta, dan stqarr mieghu li kien minnu li laqat il-cable pero` lmenta mieghu dwar il-fatt li l-cable li ntlaqat ma kienx taht ic-cangatura kif suppost u ghalhekk kien intlaqat. Din l-iskuzanti tinsab riflessa a tempo vergine fir-rapport tal-pulizija a fol. 23 tal-process.

Joseph Farrugia ghas-socjeta` konvenuta jispjega kif l-impjegati tieghu bdew iqattghu t-trinek bil-galbu wara li ufficcjali ta` l-Enemalta kienu gew jimmarkaw biz-zebgha mnejn kienu ghaddejjin il-cables. Huwa jafferma li l-cable li ntlaqat kien jinsab xi zewg piedi l-boghod mnejn kien hemm ic-cangatura u certament ma kienx jinstab taht l-istess cangatura kif suppost. Oltre dan il-marka taz-zebgha kienet aktar il-boghod minn zewg piedi u nofs fejn intlaqat il-cable peress li c-cangatura ma tkunx tinsab ezatt taht ic-cangatura.

Ix-xhud Ivan Buttigieg in kontro-ezami jikkonferma li l-cable li ntlaqat ma kienx jinsab taht ic-cangatura u li kien minnu li suppost tali cable ghandu jkun taht ic-cangatura.

Ix-xhud Mark Cauchi prodott mis-socjeta` konvenuta jikkonferma li kien hu li mmarka biz-zebgha mnejn kienu ghaddejjin il-cables. Huwa jikkonferma wkoll li normalment il-cable ikun ghaddej taht cangatura. Lewis Cachia senior distribution tradesman ma` l-Enemalta wkoll jikkonferma li “hija l-prassi skond is-sengha illi fuq il-cable titqieghed cangatura”.

Illi jigi rilevat qabel xejn li sabiex l-azzjoni tal-Korporazzjoni tirnexxi huma ghandhom iressqu prova konvincenti illi l-kuntrattur naqas mill-grad ta` diligenza rikjesta minnu skond il-ligi fl-ezercizzju tas-sengha tieghu. Illi mill-provi prodotti mhux talli dan ir-rekwizit ma giex

sodisfatt izda rrizulta sahansitra minn impjegati ta` l-istess Korporazzjoni, li l-kuntrattur gie zvijat minn operaturi ta` l-istess Korporazzjoni. Irrizulta mhux biss li l-cable li ntlaqat kien inbieghed mill-marki taz-zebgha izda sahansitra wkoll li l-istess cable ma kienx mghotti bic-cangatura kif inhu mistenni skond kif titlob is-sengha u l-arti f'dan ir-rigward.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-eccezzjoni mressqa mis-socjeta` konvenuta fis-sens illi ma tahti xejn ghal hsara kawzata fil-cable u konsegwentement jichad it-talba attrici bl-ispejjez ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess Korporazzjoni attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------